# Eżami tad-Dħul fl-Ewwel Klassi tal-Junior Lyceum - Mejju 2003

# STUDJI SOĊJALI

# IR-RAPPORT TA' L-EŻAMINATUR EWLIENI

**Daħla**

Din is-sena wkoll l-eżaminaturi qagħdu attenti ħafna fuq diversi fatturi li jagħmlu karta ta' eżami
bbilanċjata tajjeb. Dawn il-fatturi jistgħu jinġabru f'din il-lista :

- Saru żewġ verżjonijiet, waħda bl-ilsien Malti u oħra bl-ilsien Ingliż.
- Il-karta ta' l-eżami kienet modifikata biex tkun tista' tintuża aħjar ukoll minn tfal neqsin mis-smigħ.
- Saret verżjoni b'ittri akbar għal tfal xi ftit neqsin mid-dawl.
- Fit-tqassim tal-karta saret attenzjoni kbira biex stampi u mappi jkunu kbar biżżejjed u ċari.
- Kull test għal skop ta' referenza f'eżerċizzji ta' komprensjoni kienu stampati b'mod li t-tfal ma jkollhomx għalfejn kull darba jqallbu l-paġni biex iwieġbu.
- L-eżaminaturi ħadu ħsieb li fil-mistoqsijiet ma jkunx hemm diskriminazzjoni dwar ġendru, arja ġeografika u ħwejjeġ oħra.
- L-eżaminaturi ħadu ħsieb biex iqassmu l-marki tajjeb fuq kull settur tas-sillabu, jiġifieri l-ambjent ġeografiku, dak uman u dak storiku.
- L-eżaminaturi ħadu ħsieb li jqassmu l-marki fi tliet livelli differenti, jiġifieri eżerċizzji ta' livell ħafif, oħrajn ta' toqol medju u oħrajn ta' livell ftit jew wisq tqil.
- L-eżaminaturi fasslu l-karta b'mod li jassessjaw ħiliet differenti li jinġabru taħt għerf, fehma, ħiliet u attitudnijiet.
- Saru arranġamenti speċjali għal għadd mhux żgħir ta' tfal li kienu ċertifikati li jinħtieġu din l-għajnuna.

B'riżultat ta' dan, it-tfal KOLLHA li qagħdu għal dan l-eżami tellgħu marki biżżejjed li juru x'jafu u b'hekk qed ikunu nkuraġġiti jkomplu jitgħallmu u jistudjaw.
L-għalliema u l-ġenituri li jaqraw sew dan ir-rapport għandhom jieħdu nota ta' żbalji komuni biex dawn jiġu evitati f'kull ċirkustanza.

**Mistoqsija A Dwar perjodi differenti ta' l-Istorja ta' Malta**

Eżerċizzju bi ħsieb li jgħin lit-tfal inaqqsu t-tensjoni u l-biża' mill-eżami. Din is-sena dan l-ewwel eżerċizzju kien maqsum fuq żewġ tipi ta' mistoqsijiet, kif imsemmi fuq. Għalkemm dan il-fatt jagħmel l-eżerċizzju kemmxejn itqal, bosta kienu t-tfal li f'dan l-eżerċizzju kisbu l-marki kollha.

**Mistoqsija B Dwar l-Ambjent Uman**

F'dan l-eżerċizzju kien jinħtieġ ċertu impenn ta' ħsieb: dawk it-tfal li huma qarrejja tajbin ġabu kollox tajjeb. Xi ftit batew biex ġabu kollox tajjeb u tfixklu fi kliem u frażijiet li jistgħu jixxiebhu, ngħidu aħna, 'reliġjuż' u 'edukati', 'solidarjeta`' u 'xogħol volontarju'.

**Mistoqsija Ċ Dwar bliet u rħula Maltin u Għawdxin fuq il-mappa**

Xi ftit ħawdu bejn ir-Rabat f'Malta u Ħal Luqa. Oħrajn għamlu l-istess bejn Victoria u Xlendi f'Għawdex. Eżerċizzju li jitlob ħiliet ġeografiċi mistennija li jkun magħrufa tajjeb f'din l-eta`. Fit-tieni parti ta' dan l-eżerċizzju xi studenti ħasbu li meta, kif mitlub, tpoġġi 'X' kienet tfisser li dik ħażina u mhux tajba, u għaldaqstant spiċċaw biex wieġbu bil-maqlub għal dak mitlub.

**Mistoqsija D Dwar il-wasla ta' San Pawl f'Malta**

Bosta urew li jafu tajjeb din l-istorja. Minkejja dan, għadd ta' tfal juru li ma jaqrawx tajjeb l-istorja mogħtija u l-mistoqsijiet, ngħidu aħna, il-Maltin li laqgħu lil San Pawl fuq ix-xatt tan-nawfraġju ma stagħġbux għax lil San Pawl gidmitu l-lifgħa, iżda għall-fatt li baqa' ma waqax għal mejjet bil-qawwa tal-velenu. Hemm, imbagħad, numru ta' tfal li ħasbu li San Luqa kien appostlu jew profeta. Iżda l-maġġoranza l-kbira uriet li taf, saħansitra, l-irqaqat ta' l-istorja tan-nawfraġju.

**Mistoqsija E Dwar vjaġġ fil-Baħar Mediterran**

Xi studenti spiss jitfixklu Kreta mal-Greċja, oħrajn Korsika ma' Sardinja. Kien hemm ftit każi fejn l-istudenti speċifikaw aktar u kitbu Mallorka jew Ibiża flok Gżejjer Baleariċi u dan ovvjament kien aċċettat mill-eżaminaturi. Għadd ta' tfal urew li għadhom ma kisbux din il-ħila li jagħrfu postijiet fuq mappa. Din il-ħila ġeografika titlob taħriġ speċifiku bl-użu ta' mappa kbira fil-klassi.

**Mistoqsija F Dwar diversi tipi ta' ħaddiema**

Kienu kollha mistoqsijiet li jitolbu ċertu ħsieb, iżda l-istudenti urew li lesti li jaħsbu qabel jiktbu. Fil-fatt, l-istudenti ħarġu b'diversi verżjonijiet ta' tweġibiet li bosta minnhom kienu tajbin. Fost dawn kien hemm riferenza għax-xogħol li jagħmel il-librar, barra li jieħu ħsieb il-kotba; jekk ħaddiem bla sengħa jistax jaħdem fit-tarznari; liema xogħol jiddependi l-aktar minn dak li toffri n-natura. Dawk kollha li wieġbu bis-sens u bil-għaqal, fil-kuntest, ingħataw il-marki mistħoqqa. Xi ftit studenti fehmu li għandhom ipoġġu l-kliem fuq fil-linji l-vojta ta' taħt. Għamlu dan minkejja li, bħala tweġibiet miktubin hekk, dawn ma kinux jagħmlu sens. Fil-klassi għandhom jingħataw, kemm jista' jkun, diversi forom ta' eżerċizzji u m'għandhomx jistrieħu biss fuq forom tradizzjonali komuni ħafna. L-eżaminaturi, ma' l-għalliema, dejjem iħeġġu prattiċi fil-ħiliet tal-ħsieb u l-kreattivita`.

**Mistoqsija Ġ Dwar l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni**

Ġeneralment l-istudenti marru tajjeb; x'aktarx li ċerti tfal li marru ħażin f'dan l-eżerċizzju għamlu hekk għax imdorrija bil-kelma 'hypogeum' u mhux il-kelma Maltija 'ipoġew'. Kien hemm diversi interpretazzjonijiet għal xiex kien jintuża, ħafna minnhom tweġibiet tajbin imma ċerti tweġibiet, bħal snin oħra, kienu ġenerali żżejjed (p.e. kienu joqogħdu fih) jew fantastiċi (p.e. jaħbu t-teżori fih). Bosta tfal ħawdu l-kamra ta' l-oraklu ma' l-eqdes kamra, jiġifieri, is-'Sancta Sanctorum'. Oħrajn tħawdu wkoll bil-mistoqsija 'Kif sar l-Ipoġew?'. Forsi s-sentenza ta' qabel, jiġifieri 'Tempju megalitiku nbena b'ġebel kbir', flok għenithom swiet biex ħolqot ċerta ambigwita` u għalhekk fixklithom.

**Mistoqsija G Dwar l-ambjent fiżiku jew il-pajsaġġ ta' Malta**

Bosta huma t-tfal li ma jafux jispjegaw kunċetti u termini ġeografiċi. Oħrajn jitfixklu nomi proprji ma' nomi komuni, ngħidu aħna, isemmu isem ta' rdum flok jiktbu t-terminu mitlub 'irdum'.

Barra dan, minkejja li t-tfal kienu mitluba jiktbu sentenzi, ħafna kienu dawk li wieġbu xott xott b'kelma waħda jew tnejn, p.e. għal 'Kif ifformaw il-widien fondi f'Malta?' wieġbu 'Bl-ilma'. L-eżaminaturi jħeġġu lill-għalliema biex iħajru aktar lit-tfal biex jesprimu ruħhom f'aktar dettall.

**Mistoqsija GĦ Dwar żewġ sitwazzjonijiet soċjali**

L-ewwel sitwazzjoni (pjaneta ipotetika b'differenzi kbar kulturali tat lok għal taħriġ ta' kreattivita` u għalhekk l-istudenti setgħu jagħtu l-interpretazzjoni suġġettiva tagħhom. Bosta kienu t-tfal li wieġbu b'mod ħieles iżżejjed għal kull parti tal-mistoqsija, ngħidu aħna, għal xi studenti tliet ħwejjeġ li jgħinu għas-saħħa u l-paċi fil-komunita` huma ikel, xorb u lbies. Kien hemm ħafna, imma, li wieġbu ferm tajjeb u urew li jirrikonoxxu x'inhuma l-valuri kbar li jseddqu s-saħħa u l-paċi soċjali.

Dwar it-tieni sitwazzjoni (l-elezzjonijiet lokali u r-rwol tas-sindku) ma kinux ftit li ma kinux jafu, ukoll b'mod ġenerali, il-funzjoni tas-sindku fil-qasam lokali. Bosta mingħalihom li suppost jagħmel kollox hu fl-oqsma ta' l-ambjent, ta' l-ordni pubblika u tat-tibdil infrastrutturali fil-lokalitajiet. L-eżaminaturi jfakkru li l-istituzzjoni tal-kunsill lokali hija min-natura tagħha qrib ħafna l-qasam edukattiv fuq bażi lokali u għaldaqstant ħafna tagħrif dwar il-kunsilli u r-rwol tas-Sindku għandu jkun għoli fl-aġenda kurrikulari ta' l-iskejjel primarji.

Tassew li dawn it-tip ta' mistoqsijiet jagħmluha diffiċli ħafna għal min irid jimmarka iżda huma ta' għajnuna kbira għat-tfal għax jagħtihom opportunita` oħra, kif semmejna anki qabel, li t-tfal jaħsbu aktar fil-fond u jesprimu ruħhom b'ċertu tul.

**Mistoqsija H Dwar il-ħarsien tal-postijiet storiċi u preistoriċi u dwar il-ġrajjiet matul it-Tieni Gwerra Dinjija**

1. Dawn il-mistoqsijiet isiru biex it-tfal juru ħiliet kif jesprimu ruħhom dwar valuri: bosta studenti urew li jafu tajjeb kif għandhom iġibu ruħhom biex huma, u l-pubbliku inġenerali, jħarsu l-patrimonju Malti. Jidher li xi tfal sabuha diffiċli x'għandhom jissuġġerixxu lill-Gvern dwar kif iħarishom aħjar u kien hemm ftit li marru barra mis-suġġett u kitbu dwar il-ħarsien ta' l-ambjent f'Malta.
2. Dwar dik li hija empatija li tirrifletti l-ġrajjiet ta' żmien it-Tieni Gwerra Dinjija f'Malta, it-tfal kollha urew il-ħila li jimmaġinaw iżda bosta tweġibiet kienu ripetitivi jew simili ħafna (feruti, mejtin, dmija, uġigħ, ġuħ u kliem ieħor bħal dan). Hawn ukoll l-eżaminaturi jħeġġu lit-tfal li jippruvaw jesprimu ruħhom b'mod aktar estiż, l-aħjar permezz ta' sentenzi sħaħ.

## Mistoqsija Ħ Dwar l-imġiba tat-tfal u l-pubbliku fit-toroq

Ħafna tfal irnexxielhom jiktbu paragrafi fuq l-esperjenzi tagħhom ta' kuljum iżda bosta drabi baqgħu biss fuq punt jew tnejn simili ħafna, l-aktar fejn jidħlu ħabtiet u inċidenti oħra tat-traffiku.

It-tfal illum jidhru li huma mgħallma tajjeb dwar imġiba korretta, l-aktar fejn jidħlu huma stess (ara (iii) l-imġiba tat-tfal fit-toroq). Tajjeb li ħafna semmew l-imġiba tajba b'riferenza qawwija għal meta jkunu bejn il-ħbieb fi grupp u wkoll meta jkunu akkumpanjati mill-ġenituri.

Tajjeb ukoll li l-istudenti jqisu li meta jiktbu paragrafi li magħhom ikun hemm marbutin, f'dan il-każ, tnax-il marka b'kollox, il-kontenut għandu jitferrex fuq diversi punti għal kull paragrafu, u mhux kollox jinġabar madwar problema jew inċident wieħed.